

Brussell, 21 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

16290/22

RECH 673
COMPET 1072
TELECOM 545
SOC 701
MI 981

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 708 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Evalwazzjoni finali tal-Programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għajxien Attiv u Megħjun

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 708 final.

Mehmuż: COM(2022) 708 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.12.2022
COM(2022) 708 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Evalwazzjoni finali tal-Programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għajxien Attiv u
Megħjun**

{SWD(2022) 404 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Evalwazzjoni finali tal-Programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għajxien Attiv u Megħjun

1. ĦARSA ĠENERALI

Dan ir-rapport jippreżenta s-sejbiet tal-evalwazzjoni finali tal-Programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għajxien Attiv u Megħjun (AAL2, li jkopri l-2014-2021) ⁽¹⁾. Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-programm AAL2 irnexxielu jilħaq il-miri ewlenin tiegħu.

Il-programm kien rilevanti ħafna f'termini tal-problemi indirizzati u tal-partijiet ikkonċernati involuti, u wieġeb tajjeb għat-teknoloġiji li qed jinbidlu u għall-ambjent tas-suq li qed jevolvi malajr. Dan wera li l-intervent tal-UE kien kemm meħtieġ kif ukoll effettiv fit-twassil tal-innovazzjoni diġitali fit-tixjiħ attiv u san f'diversi oqsma, inklużi s-saħħa u l-kura; il-komunikazzjoni u l-informazzjoni; is-sikurezza u s-sigurtà; id-divertiment u l-kultura; ix-xogħol u t-taħriġ; l-ivvjaġġar u t-trasport.⁹

L-evalwazzjoni hija bbażata fuq studju estern ⁽²⁾, li jinkorpora żewġ studji ta' każijiet⁽³⁾, bl-użu tad-*data* miġbura permezz ta' s'tħarrigiet u intervisti ma' parteċipanti tal-programm u varjetà usa' ta' partijiet ikkonċernati, ikkomplementata bid-*data* pprovduta mill-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata li timmaniġġa l-programm AAL u bl-evidenza diġà miġbura minn studji preċedenti, bħal evalwazzjonijiet preċedenti, valutazzjonijiet tal-impatt, rapporti ta' awtovalutazzjoni u rieżamijiet annwali tal-programm (il-Kummissjoni, appoġġata minn esperti esterni).

Is-sejbiet ġenerali jindikaw l-importanza ta':

- l-użu tal-innovazzjoni diġitali biex jiġu megħjuna l-popolazzjonijiet li qed jixjieħu, l-għoti ta' appoġġ lill-għajxien attiv u f'saħħtu, u l-iżgurar tal-futur tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura tagħna;
- strateġiji għall-użu u għall-espansjoni tal-innovazzjoni għal tixjiħ tajjeb/għajxien f'saħħtu b'enfasi fuq: integrazzjoni u użu ta' soluzzjonijiet diġitali f'sistemi eżistenti; involviment aħjar tal-atturi kollha tul il-katina tal-valur kollha, inkluż

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni Nru 554/2014/UE, 15 ta' Mejju 2014.

⁽²⁾ Rapport ta' Esperti Indipendenti (Settembru 2022). *Active and Assisted Living Research and Development Programme (AAL2) final evaluation* - Studju b'appoġġ għall-evalwazzjoni *ex post* tal-Programm Qafas Ewropew għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, Prognos, PPMI, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 (<https://data.europa.eu/doi/10.2777/068757>).

⁽³⁾ Evalwazzjoni finali tar-Rapport ta' Esperti Indipendenti AAL2: *Anness D: Case Study on 'Support Actions for capacity development and community building and Annex E: Studju ta' Każ dwar "Learnings from the AAL2 Public-Public Partnership Approach"*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (<https://data.europa.eu/doi/10.2777/068757>).

fuq livell reġjonali; u l-inċentivar u l-għoti ta' appoġġ lil kumpaniji biex jidħlu fis-suq (inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs));

- kooperazzjoni u komunikazzjoni fil-livelli kollha u l-esplorazzjoni tal-enerġija ta' "alleanza ta' dawg li jaġixxu kmieni" mmobilizzata mill-Assoċjazzjoni AAL (AALA), li stabbilew l-aġenda għal tixjiħ attiv u f'saħħtu fl-Ewropa u li ppromwovew ir-rwol tal-innovazzjoni diġitali fil-qasam;
- sħubijiet fit-tul xprunati mill-programm li, flimkien ma' sejħiet tranżnazzjonali, joffru portafoll ta' Azzjonijiet ta' Appoġġ inklużivi u fil-livell tal-UE (sett ta' inizjattivi, studji u servizzi) li għandhom l-għan li jappoġġaw lil applikanti tal-proġetti, lil benefiċjarji tas-sħubija u lill-komunità usa' marbuta mal-oqsma ta' prijorità ewlenin tas-sħubija;
- approċċ olistiku ta' trasformazzjoni tas-sistema, li jinkludi kodipendenzi ta' miżuri ta' politika/regolatorji, deċiżjonijiet ta' finanzjament u investment, ekosistemi ta' *data* u applikazzjonijiet ta' teknoloġija diġitali b'kultura organizzazzjonali li hija differenti, mudelli ta' negozju u ta' governanza, u sistemi reġjonali differenti tas-saħħa u tal-kura.

2. GĦAJXIEN ATTIV U F'SAĤHTU: L-ISFIDA KOMBINATA TAT-TIBDIL DEMOGRAFIKU U TAT-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI

Dan ir-rapport jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-programm AAL2 li ġie stabbilit fl-2014 bħala inizjattiva suċċessur tal-Programm Konġunt tal-Għajxien Megħjun Kuntestwalment ⁽⁴⁾ (AAL). Iż-żewġ programmi huma bbażati fuq l-Artikolu 185 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)⁽⁵⁾. L-UE ddeċidiet li tipparteċipa f'dawn il-programmi ta' riċerka u żvilupp billi tqabbel l-appoġġ tal-Istati parteċipanti mal-finanzjament minn Orizzont 2020 (għall-AAL2) u s-seba' Programm Qafas għar-Riċerka (għall-AAL). Id-deċiżjoni tal-2014 dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-programm AAL2 tat lok għal evalwazzjoni finali tal-programm li għandha titwettaq sa tmien l-2022.

B'kollox ipparteċipaw 21 pajjiż matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' seba' snin tal-AAL2: Sittax-il Stat Membru tal-UE, tliet pajjiżi assoċjati ma' Orizzont 2020 u żewġ pajjiżi terzi⁽⁶⁾. L-Istati parteċipanti jimplementaw il-programm permezz ta' Assoċjazzjoni AAL internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ regolata minn Assemblea Ġenerali u appoġġata mil-lat operazzjonali minn Unità Ċentrali ta' Ġestjoni (CMU). Il-Kummissjoni għandha status ta' osservatur fl-Assemblea Ġenerali bi dritt ta' veto fuq il-programm ta' ħidma annwali, u kienet ukoll parti fil-ftehimiet mal-AALA fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE.

Il-programm AAL2 iffoka fuq ir-riċerka applikata u l-innovazzjoni orjentati lejn is-suq tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ICT għal tixjiħ attiv u f'saħħtu fid-dar, fil-komunità, jew

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni Nru 742/2008/KE, 9 ta' Lulju 2008.

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni Nru 554/2014/UE, 15 ta' Mejju 2014.

⁽⁶⁾ L-Awstrija, il-Belġju (2 reġjuni), il-Kanada, Ċipru, id-Danimarka, l-Ungerija, l-Irlanda, Izrael, l-Italja (tliet reġjuni), il-Lussemburgu, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja (tliet reġjuni), l-Iżvezja, l-Iżvizzera, it-Tajwan u r-Renju Unit.

fuq ix-xogħol. Huwa stabbilit bħala inizjattiva tal-Artikolu 185 tat-TFUE ⁽⁷⁾ li fiha l-Kummissjoni ħadmet mal-awtoritajiet nazzjonali u regionali biex tisfrutta l-ħafna opportunitajiet li jinvolvu kemm l-innovazzjoni diġitali kif ukoll it-tixjiħ attiv u f'saħħtu.

Bħala medja, l-Ewropej igawdu ħajja itwal f'saħħa tajba minn reġjuni oħra. Fl-aħħar 50 sena, l-istennija tal-għomor mat-twelid zdiecet b'madwar 10 snin kemm għall-irgħiel kif ukoll għan-nisa. Din hija kisba notevoli li toħloq kemm sfidi kif ukoll toffri opportunitajiet.

Sal-2070, aktar minn 30 % tal-Ewropej huma mistennija li jkollhom 65 sena jew aktar, meta mqabbla ma' f'it aktar minn 20 % fl-2019 ⁽⁸⁾. Is-sehem ta' persuni li għandhom 80 sena jew aktar huwa mistenni li jirdoppja minn 5,8 % għal 13,2 % matul l-istess perjodu. Fi ħdan l-UE, l-impatt tat-tixjiħ ivarja ħafna bejn ir-reġjuni, speċjalment bejn iż-żoni urbani u dawk rurali, u l-kisbiet fl-istennija tal-għomor f'saħħtu ma humiex imqasma b'mod ugwali ⁽⁹⁾. Fl-istess ħin hemm opportunitajiet soċjali u ekonomiċi assoċjati mal-kunċett ta' tixjiħ f'saħħtu.

Iċ-ċittadini anzjani qed isawru dejjem aktar l-ekonomiji u d-domanda għal servizzi u prodotti fl-“ekonomija tal-anzjani” qed tiżdied b'mod rapidu ⁽¹⁰⁾. Issa hemm għadd sostanzjali ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet diġitali biex jappoġġaw lin-nies fi kwalunkwe stadju f'ħajjithom, biex jappoġġaw it-“tixjiħ fil-komunita” u fuq il-post tax-xogħol, itejbu l-ambjent domestiku u jappoġġaw il-konnessjonalita soċjali ⁽¹¹⁾. Fl-użu ta' dawn it-teknoloġiji sal-massimu possibbli, hemm potenzjal ta' tkabbir ekonomiku u ta' żvilupp soċjali fit-tibdil demografiku li jista' jibbilanċja wħud mill-impatti tiegħu fuq is-sistemi tas-saħħa u tal-kura (soċjali) u jtejjeb il-kwalita tal-ħajja tal-popolazzjoni li qed tixjieħ u tal-persuni li jindukrawhom.

F'April 2020, il-Kummissjoni adottat “Rapport dwar it-Tibdil demografiku” segwit f'Jannar 2021 minn “Green Paper dwar it-Tixjiħ”. Dawn jippromwovu approċċ tul il-ħajja għat-tixjiħ, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard minn stadju bikri fil-ħajja, u l-ħtieġa li wieħed jgħix ħajja f'saħħtu u attiva tul ħajtu kollha.

Is-soluzzjonijiet digitali relatati mas-sahħa għandhom rwol importanti perezempju:

⁽⁷⁾ L-inizjattivi tal-Artikolu 185 huma sħubijiet pubbliċi-pubbliċi (P2P) fit-tul stabbiliti fuq bażi volontarja mill-Istati Membri tal-UE li huma wkoll eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja sostanzjali mill-Programm Qafas tar-Riċerka tal-UE. Dawn għandhom l-għan li jindirizzaw sfidi komuni f'oqsma ta' riċerka speċifiċi billi joħolqu ekonomiji ta' skala u sinerġiji bejn programmi ta' riċerka u investment nazzjonali u tal-UE. L-ambizzjoni tagħhom hija li jiksbu integrazzjoni xjentifika, maniġerjali u finanzjarja fost programmi ta' riċerka nazzjonali f'qasam partikolari (minn: <https://www.era-learn.eu/>).

⁽⁸⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *The 2021 Ageing Report. Economic & Budgetary Projects for the EU Member States (2019-2070)*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

⁽⁹⁾ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Sahħa (2021), *Decade of Healthy Ageing: Baseline Report*.

⁽¹⁰⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2018), *The Silver Economy*, A study prepared for the European Commission DG Communication Networks, Content & Technology by Technopolis Group, Oxford Economics, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

⁽¹¹⁾ SAPEA, Science Advice for Policy by European Academies (2019), *Transforming the Future of Ageing*, SAPEA, Berlin (p. 190-196).

- biex jgħinu lill-anzjani jgħixu b'mod indipendenti (“tixjiħ fil-komunità”) u jissorveljaw aħjar l-istat ta' saħħa tagħhom stess;
- biex jappoġġaw il-prevenzjoni tal-waqgħat;
- biex jippromwovu bini, bliet u ambjenti adatti għall-età;
- biex jagħtu s-setgħa lill-anzjani jaffrontaw il-komorbidityiet (meta jkollhom diversi problemi ta' saħħa fl-istess ħin) u s-solitudni, u b'hekk itejbu s-saħħa mentali tagħhom.

L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 ⁽¹²⁾ tippromwovi l-aċċess għal prevenzjoni u kura tas-saħħa ta' kwalità għolja bħala aspett ewlieni biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni b'diżabilità, inklużi l-persuni anzjani.

Din hija wkoll fost l-ambizzjonijiet tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura ppubblikata dan l-aħħar ⁽¹³⁾ (Settembru 2022). Il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-kura fit-tul tkun f'waqtha, komprensiva u affordabbli, kif ukoll biex iżidu l-provvista u t-taħlita ta' servizzi professjonali ta' kura fit-tul (kura fid-djar, kura bbażata fil-komunità u kura residenzjali), u biex jintroduċu soluzzjonijiet diġitali aċċessibbli għall-forniment ta' servizzi ta' kura.

Il-Kummissjoni hija ddeterminata li tagħmel id-deċennju li qegħdin fih id-“Deċennju Diġitali” tal-Ewropa. Il-Komunikazzjoni “Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali” ⁽¹⁴⁾, tistabbilixxi l-viżjoni tal-Kummissjoni u l-perkorsi għat-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa sal-2030. L-Ewropa issa trid issaħħaħ is-sovranià diġitali tagħha u tistabbilixxi standards, aktar milli ssegwi dawk ta' ħaddieħor – b'enfasi ċara fuq id-*data*, it-teknoloġija u l-infrastruttura. Jekk iridu jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet ekonomiċi u soċjetali llum u fil-futur, huwa meħtieġ li l-Ewropej kollha jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet u mit-teknoloġiji diġitali, bħas-servizzi tas-saħħa diġitali, u li jiġi ffaċilitat aċċess bla xkiel, sikur u interoperabbli madwar l-UE kollha għas-servizzi pubbliċi diġitali maħsuba biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-nies b'mod effettiv.

Id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali ⁽¹⁵⁾ tipprovdi gwida mfassla mill-valuri Ewropej għall-UE u għall-Istati Membri hekk kif dawn jadattaw għat-trasformazzjoni diġitali. Il-prinċipju ta' “solidarjetà u inklużjoni” jiffoka speċifikament fuq teknoloġija li għandha tgħaqqad u mhux tifred lin-nies u jisħaq li kulħadd għandu jkollu aċċess għall-internet, għall-ħiliet diġitali, għas-servizzi pubbliċi diġitali u għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti.

Ir-Regolament propost dwar l-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa (EHDS) ⁽¹⁶⁾ se jagħti s-setgħa lill-individwi biex jikkontrollaw u jikkondividu d-*data* elettronika

⁽¹²⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2021), id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inkluzjoni, *Union of equality: strategy for the rights of persons with disabilities 2021-2030*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021, <https://data.europa.eu/doi/10.2767/31633>

⁽¹³⁾ Kummissjoni Ewropea (2022), *Strateġija Ewropea għall-Kura għall-indoktraturi u għal dawk li jirċievu l-kura*, https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_5169

⁽¹⁴⁾ COM(2021) 118 final.

⁽¹⁵⁾ COM(2022) 27 final.

⁽¹⁶⁾ COM(2022) 197 final.

tagħhom dwar is-saħħa filwaqt li tiġi żgurata l-konformità ma' standards ta' privatezza b'saħħithom b'salvagwardji legali, organizzattivi u tekniċi.

3. OĠĠETTIVI TAL-EVALWAZZJONI U METODOLOĠIJA

L-evalwazzjoni finali tindirizza s-seba' snin ta' operat tal-programm AAL2, minn Ġunju 2014 sa Ġunju 2021, f'konformità mal-ħames kriterji ta' evalwazzjoni tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar ⁽¹⁷⁾, ikkomplementati b'żewġ kriterji addizzjonali speċifiċi għas-šhubija dwar l-“addizzjonalità” u t-“trasparenza u l-ftuħ” tas-šhubija.

Il-metodoloġija ta' evalwazzjoni mibnija fuq metodi ta' analiżi u sorsi ta' *data* differenti. L-evalwazzjoni hija bbażata fuq studju estern⁽¹⁸⁾, li jinkorpora żewġ studji ta' każijiet, permezz tal-minjiera ta' evidenza diġà miġbura minn studji preċedenti, bħal evalwazzjonijiet preċedenti, valutazzjonijiet tal-impatt, rapporti ta' awtovalutazzjoni, rieżamijiet annwali (il-Kummissjoni appoġġata minn esperti esterni) u rapporti oħra. L-evalwazzjoni inkludiet ukoll informazzjoni statistika dwar il-programm AAL2 u l-istudju tal-impatt tal-programm tal-2021 ⁽¹⁹⁾, ipprovduti mill-istruttura ta' implimentazzjoni (CMU) dedikata li timmaniġġa l-programm. Is-sejbiet kwantitattivi ġew arrikkiti b'informazzjoni kwalitattiva minn madwar 30 intervista ma' parteċipanti fil-programm u varjetà usa' ta' partijiet ikkonċernati. Il-konklużjonijiet tal-istudju estern huma sodi u bbażati fuq fehim tajjeb tal-kumplessitajiet inerenti għall-mudell ta' ġestjoni indiretta sottostanti tal-AAL2 għas-“šhubijiet tal-Artikolu 185 tat-TFUE” mal-Istati Membri.

Limitazzjonijiet u robustezza

Id-*data* statistika ġiet ipprovduta mis-CMU, organizzazzjoni professjonali ħafna bi proċessi u proċeduri komprensivi ħafna, u għalhekk is-settijiet tad-*data* disponibbli jitqiesu affidabbli ħafna.

Id-*data* dwar l-impatti fit-tul tal-programm AAL2 għadha qed tiżviluppa. Madwar 40 % tal-proġetti għadhom għaddejjin⁽²⁰⁾. Għalhekk, il-valutazzjoni tal-impatt u parti mill-kriterji tal-effettività kienu bbażati l-aktar fuq l-istudju tal-impatt tal-programm⁽²¹⁾, li eżamina kampjun ta' daqs relattivament żgħir ta' 38 proġett AAL2 li tlestew sa Diċembru 2019 u intervista lil benefiċjarji tal-AAL2 involuti.

L-evalwazzjoni tqis il-limitazzjonijiet inerenti tas-sejbiet ta' diversi sħarrijiet:

- it-tweġibiet riċevuti jirriflettu l-fehmiet ta' kampjun ta' partijiet ikkonċernati rilevanti u mhux dawk tal-komunità kollha involuta f'dan il-qasam;

⁽¹⁷⁾ Il-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar jistabbilixxu l-prinċipji li l-Kummissjoni Ewropea ssegwi meta tħejji inizjattivi u proposti ġodda u meta timmaniġġa u [tevalwa](#) l-leġiżlazzjoni eżistenti.

⁽¹⁸⁾ Ara n-noti 2 u 3 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹⁹⁾ Idea Consult, [Third edition of the AAL programme impact assessment](#), rapport sommarju finali, Diċembru 2021, Brussell.

⁽²⁰⁾ L-istatus ta' 151 proġett AAL2 fi tmiem l-2021: 78 lesti; 59 għadhom għaddejjin; huwa mbassar l-aħħar proġetti li jiġu ffinalizzati f'nofs l-2025.

⁽²¹⁾ Ara n-nota 19 f'qiegħ il-paġna.

- il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati jwasslu perspettiva individwali aktar milli ġenerali.

Il-persuni intervistati kollha kienu professjonisti b'esperjenza kbira li kienu familjari ħafna mal-programm. Bhalta tali, il-bażi tal-evidenza akkumulata titqies li tirrifletti b'mod affidabbli l-fehmiet u l-opinjoni tal-komunità tal-AAL.

Minħabba l-informazzjoni ta' hawn fuq, din l-evalwazzjoni tista' titqies li twettqet abbażi tal-aħjar *data* disponibbli. Kull meta jkun hemm nuqqas ta' *data* kwantitattiva affidabbli, din hija kontrobalanċjata b'*data* u kunsiderazzjonijiet kwalitattivi, u għalhekk l-impatt tal-limitazzjonijiet imsemmija hawn fuq għie mmitigat kemm jista' jkun.

4. SEJBIEI U RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-EVALWAZZJONI FINALI

Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali jikkonferma l-valur miżjud għoli u l-kisbiet ewlenin tal-programm AAL2 u jikkonkludi li:

- il-programm ikompli jokkupa pożizzjoni unika fil-qasam tas-soluzzjonijiet diġitali għat-tixjiħ attiv u f'saħħtu, b'rilevanza, valur miżjud u addizzjonalità kbar tal-UE;
- L-AAL2 ilaqqat flimkien kombinazzjoni rilevanti ħafna ta' benefiċjarji, inklużi l-SMEs u l-organizzazzjonijiet tal-utent finali li tipikament ma jipparteċipawx f'Orizzont 2020;
- il-programm huwa ġestit tajjeb bis-saħħa ta' metodi ta' implimentazzjoni flessibbli u rwol ta' tmexxija b'saħħitha mill-Unità Ċentrali ta' Ġestjoni (CMU)/struttura ta' implimentazzjoni dedikata;
- il-programm għamel progress sinifikanti lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tiegħu, iżda n-natura kumplessa tas-suq għadha tillimita l-adozzjoni rapida ta' soluzzjonijiet innovattivi.

L-evalwazzjoni tenfasizza xi kisbiet ewlenin u riżultati bikrija importanti, li huma indikaturi promettenti tal-impatt ġenerali rilevanti:

- b'kollox, ġew iffinanzjati 151 proġett kollaborattiv (li jinvolvu mill-inqas tliet sħab minn pajjiżi differenti) fl-ambitu tal-AAL2;
- L-AAL2 appoġġa 705 benefiċjarji, b'1 078 parteċipazzjoni⁽²²⁾, li minnhom:
 - L-SMEs ammontaw għal 40,3 %,
 - l-universitajiet u l-istituti tar-riċerka ammontaw għal 26,8 %,

⁽²²⁾ It-terminu "parteċipazzjonijiet" jirreferi għas-somma tal-benefiċjarji kollha fil-proġetti kollha, inkluż għadd multiplu ta' benefiċjarji li pparteċipaw diversi drabi.

- l-organizzazzjonijiet tal-utent finali ammontaw għal 26,3 %; il-parteċipazzjoni mill-organizzazzjonijiet tal-utent finali żdiedet b'mod qawwi matul l-AAL2;
- l-investiment ġenerali tal-programm fl-AAL2 jirrappreżenta EUR 308 miljun; l-impenn tal-KE ta' EUR 108,6 miljun⁽²³⁾, ikkomplementat minn aktar minn EUR 121,5 miljun ta' impenji mill-Istati parteċipanti u ingranaġġ ta' kofinanzjament stmat ta' aktar minn EUR 77,7 miljun mill-parteċipanti tal-programm.
- L-AAL2 ilaqqat flimkien l-aqwa korpi ta' riċerka fl-Ewropa ma' SMEs u organizzazzjonijiet tal-utent finali li normalment ma jipparteċipawx f'Orizzont 2020;
- madwar 22 % tal-universitajiet u tal-istituti tal-edukazzjoni għolja li jipparteċipaw fl-AAL2 jagħmlu parti mill-aqwa 1 % tal-parteċipanti ta' Orizzont 2020; 45,4 % jappartjenu għall-aqwa 10 %. Dan jindika n-natura tal-korpi ta' riċerka li jipparteċipaw fl-AAL2;
- hemm komplementarjetà qawwija bejn l-AAL2 u partijiet oħra tal-programm Orizzont 2020 f'termini ta' profili tal-parteċipanti: 56,2 % tal-parteċipanti tal-AAL2 ma pparteċipawx fi proġett Orizzont 2020 (barra mill-AAL2); għall-SMEs, dik ir-rata hija ta' 62,8 %;
- ir-rata tal-użu tal-baġit żdiedet bi 18,8-il punt perċentwali, meta mqabbla mal-programm predeċessur, bis-saħħa ta' rikonfigurazzjonijiet tal-proġett u mekkaniżmi ta' ottimizzazzjoni oħra;
- minn 38 proġett, 23 (61 %) li tlestew sa tmiem l-2019 kienu ġabu mill-inqas soluzzjoni waħda fis-suq. Dawn koprew soluzzjonijiet diġitali li jappoġġaw tajjeb it-tixjiħ f'varjetà ta' oqsma, inkluż is-sikurezza u s-sigurtà; id-divertiment u l-kultura; ix-xogħol u t-taħriġ; il-vitalità u l-kapaċitajiet; l-ivvjaġġar u t-trasport;
- aktar minn 4 800 persuna attendew il-Fora tal-AAL2 biex jintensifikaw il-kollaborazzjoni tranżnazzjonali, in-network u l-iskambju ta' ideat;
- total ta' 65 proġett ipparteċipaw f'attivitajiet tal-Azzjoni ta' Appoġġ ta' AAL2Business biex itejbu l-ħiliet tagħhom ħalli jintroduċu s-soluzzjoni tagħhom fis-suq. Il-benefiċjarji rrapportaw ukoll żieda sostanzjali fl-għarfien tagħhom dwar il-ħtiġijiet tal-utenti.

4.1. Osservazzjonijiet ġenerali

Il-Kummissjoni tilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni finali, li huwa bbażat fuq *data* oġġettiva u evidenza. Ir-rakkomandazzjonijiet u t-tagħlimiet meħuda huma bbażati fuq fehim tajjeb

⁽²³⁾ Il-bażijiet legali jistabbilixxu kontribuzzjoni finanzjarja massima stmata tal-UE ta' EUR 175 miljun u jstabbilixxu li l-impenn finanzjarju annwali tal-UE għall-programm AAL2 ma jridx jaqbeż l-impenn finanzjarju annwali mill-Istati parteċipanti. Il-baġit tal-KE jinkludi l-ġestjoni tal-programm, Azzjonijiet ta' Appoġġ u sejħiet għal proġetti; il-baġits tal-Istati parteċipanti u tal-benefiċjarji huma biss għall-finanzjament ta' sejħiet għal proġetti.

tal-kumplessitajiet inerenti għall-mudell ta' ġestjoni indiretta tas-sħubijiet tal-Artikolu 185 tat-TFEU mal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjoni li t-tħassib ewlieni espress fl-evalwazzjoni *interim*⁽²⁴⁾ ma seħħx. Ix-xejriet negattivi identifikati mill-evalwazzjoni *interim*, b'mod partikolari l-għadd dejjem jonqos ta' pajjiżi li jipparteċipaw b'mod attiv fil-programm u t-tnaqqis assoċjat fl-impenji baġitarji, ma baqgħux għaddejjin u treggħu lura matul it-tieni nofs tal-AAL2, u b'hekk ġiet żgurata s-sostenibbiltà tal-programm, b'numri stabbli ta' sħubija matul il-perjodu kollu ta' programmazzjoni.

Barra minn hekk, it-tħassib dwar nuqqas ta' tmexxija strateġika fl-AALA ġie indirizzat minn ristrutturar kbir tas-CMU b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet fl-evalwazzjoni *interim*. Dan irriżulta f'kapaċità strateġika mtejba, li pprovdiet tmexxija proattiva, reattiva u enerġetika matul it-tieni nofs tal-programm AAL2. Sussegwentement, il-programm seta' jaġġusta malajr għal għarfien u talbiet ġodda, bl-introduzzjoni ta' titjib operazzjonali sostanzjali li żammu rilevanti.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol ta' pijunier tal-programm fil-ħolqien u fl-isfruttar tal-ħafna opportunitajiet biex jikkontribwixxi għat-tixjiħ attiv u f'saħħtu permezz tal-innovazzjoni diġitali. Il-programm ikkontribwixxa b'mod attiv għall-iżvilupp ta' perspettiva pożittiva dwar it-tixjiħ u ħoloq spazju newtrali, li jlaqqa' flimkien gruppi ta' partijiet ikkonċernati li qabel kellhom ftit interazzjoni jew ma kellhom xejn.

Minkejja n-natura kumplessa u frammentata tas-suq, l-AAL2 wera xejra pożittiva fl-għadd ta' soluzzjonijiet immedija fis-suq u ppromwova l-innovazzjoni soċjali. Dan indirizza tajjeb ukoll il-gruppi fil-mira ta' prijorità stabbiliti għall-programm, jiġifieri l-SMEs (40,3 %) u l-organizzazzjonijiet tal-utent finali (26,3 %) li normalment ma jipparteċipawx fil-programmi ta' riċerka u innovazzjoni (R&I) ifffinanzjati mill-UE.

4.2. Rakkomandazzjonijiet u tagħlimiet meħuda

Il-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ mal-konklużjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni li l-azzjoni Ewropea futura dwar l-innovazzjoni diġitali f'għajxien attiv u f'saħħtu teħtieġ approċċ usa' għat-trasformazzjoni tas-sistema. Huwa meħtieġ approċċ olistiku li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi kollha, inklużi l-livelli rilevanti kollha tal-gvern responsabbli għas-sostenibbiltà u għat-trasformazzjoni tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura.

Il-Kummissjoni diġà adottat approċċ olistiku bħal dan fil-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont Ewropa u b'mod aktar speċifiku fis-sejħa tagħha għal Sħubija Ewropea dwar it-trasformazzjoni tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura⁽²⁵⁾. Din l-azzjoni ta' kofinanzjament se toħloq sħubija fir-riċerka u l-innovazzjoni b'enfasi fuq it-trasformazzjoni tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura, filwaqt li tirrappreżenta opportunità strateġika unika biex tlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati (inklużi l-ekosistemi reġjonali), toħloq sinerġiji, tikkoordina l-azzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, u tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura, bl-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi xprunati mill-għarfien u mill-evidenza.

(24) Il-Kummissjoni Ewropea (2017), [Interim Evaluation of the Active & Assisted Living Programme](#), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

(25) [HORIZON-HLTH-2022-CARE-10-01](#)

Dan se jistimula l-innovazzjonijiet fis-servizzi, fil-politika u fl-organizzazzjoni, kif ukoll l-integrazzjoni ta' innovazzjonijiet bijomediċi u teknoloġiċi għall-benefiċċju ta' ċittadini Ewropej u tal-industrija Ewropea. Is-sħubija ta' kofinanzjament hija mitluba tibni fuq l-għarfien miksub mill-inizjattivi ta' Orizzont 2020, bħall-programm AAL. Dan iwieġeb għar-rakkomandazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni li l-azzjonijiet futuri għandhom jibnu fuq l-impenn tal-komunità tal-partijiet ikkonċernati maħluqa mill-AAL2 li huma ddedikati għal għajxien attiv u f'saħħtu.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-“Azzjonijiet ta' Appoġġ” urew li huma żieda effiċjenti u kosteffettiva għall-finanzjament ta' sejħiet tranżnazzjonali u jsaħħu l-kapaċità tas-Sħubija li tilħaq l-objettivi tagħha. Il-Kummissjoni tippromwovi approċċ bħal dan fi kwalunkwe struttura ta' sħubija u ta' kooperazzjoni futura.

Huwa importanti li l-azzjonijiet ta' politika futuri jħalltu flimkien l-innovazzjoni teknoloġika u soċjali minflok jitttrattaw iż-żewġ aspetti b'mod separat. Bl-istess mod, għandha tippromwovi għajxien attiv u f'saħħtu u tgħin lin-nies u lis-soċjetajiet jużaw il-potenzjal sħiħ tas-soluzzjonijiet diġitali għal tixjiħ tajjeb.

L-Istrateġija Ewropea għall-Kura⁽²⁶⁾, ippublikata f'Settembru 2022, tirrikonoxxi l-importanza li jiġu introdotti soluzzjonijiet diġitali aċċessibbli għall-forniment ta' servizzi ta' kura, fl-ambjenti kollha tal-kura, bħad-dar, il-kura bbażata fil-komunità u l-kura residenzjali. Ir-Regolament propost dwar l-EHDS jippromwovi l-interoperabbiltà tad-*data* elettronika dwar is-saħħa bejn il-fornituri differenti u għalhekk se jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' infrastruttura inklużiva tas-saħħa u tal-kura. Barra minn hekk, fit-tfassil tal-programmi ta' finanzjament fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali, il-Kummissjoni tat attenzjoni speċifika għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għat-taħlit tal-finanzjament u l-istimulazzjoni tas-sinerġiji bejn il-programmi.

Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll Strument ta' Appoġġ Ewlieni dwar “Person- Centred Integrated Care”⁽²⁷⁾ (Mejju 2022), biex tippromwovi riformi fl-Istati Membri tal-UE li jgħinu lill-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali jinvestigaw, ifasslu u jimplementaw strateġiji għall-integrazzjoni tas-saħħa, tal-kura soċjali u tal-kura fit-tul, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet diġitali aktar integrati.

Il-Kummissjoni taqbel mal-hteġa li jiġu żviluppata strateġiji għall-użu u għall-espansjoni tal-innovazzjoni f'azzjonijiet futuri li jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali f'sistemi tas-saħħa u tal-kura u li jiġi osservat dak li qed jiġri fil-prattika.

Il-Kummissjoni bdiet il-ħidma f'approċċ minn sferi differenti b'enfasi fuq l-appoġġ ta' proġetti pilota u ta' pjattaformi fuq skala kbira taħt ir-raggruppament Orizzont 2020 “Digitisation of European Industries – Large-Scale Pilots on Active and Healthy Living (DEI Healthy Living)”⁽²⁸⁾. B'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-pjattaformi diġitali tal-ġenerazzjoni li jmiss DEI Healthy Living jaħdem fuq erba' linji ta' azzjoni: il-bini ta' pjattaformi, l-ekosistema tan-negozju mħaddma bid-*data*, il-pilotaġġ fuq skala kbira ta' arkitetturi ta' referenza u standardizzazzjoni.

⁽²⁶⁾ Ara n-nota 13 f'qiegħ il-paġna.

⁽²⁷⁾ https://reform-support.ec.europa.eu/towards-person-centred-integrated-care_mt

⁽²⁸⁾ <https://www.opendei.eu/> u <https://www.opendei.eu/healthcare-sector/>

Barra minn hekk, il-programm il-ġdid Ewropa Diġitali (DIGITAL) jipproponi diversi azzjonijiet li jappoġġaw il-varar u l-użu ta' soluzzjonijiet ġodda, permezz ta' azzjonijiet ta' finanzjament li jaċċelleraw l-adozzjoni u l-aħjar użu tat-teknoloġiji diġitali, anke fis-settur tas-saħħa u tal-kura, billi jiġu offruti "Faċilitajiet għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni (TEF)" u "Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali" (EDIH), li jinvolvu l-katina tal-valur kollha, kemm mill-perspettiva tal-katina tal-provvista kif ukoll mill-perspettiva tad-domanda. L-ikkombinar tal-innovazzjoni tas-servizzi, l-innovazzjoni tan-negozju u l-innovazzjoni diġitali se jkunu kruċjali fit-twettiq tal-bidla fundamentali biex issir enfasi fuq il-prevenzjoni u l-ġhajxien f'saħħtu u biex isiru aktar investimenti fihom, sabiex tingħata s-setgħa lin-nies jieħdu ħsieb saħħithom u jagħmlu għażliet dwar is-saħħa infurmati tajjeb.

L-użu u l-espansjoni tal-innovazzjoni għal twassil aħjar tas-saħħa u tal-kura lill-popolazzjoni li qed tixjieħ fl-Istati Membri tqanqlu f'diversi Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.

F'Ottubru 2020, il-Kunsill adotta [Konklużjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Parteċipazzjoni u l-Benesseri ta' Persuni Akbar fl-Età fl-Era tad-Diġitalizzazzjoni](#)⁽²⁹⁾ li jistiednu lill-Istati Membri jipromwovu t-tixjiħ attiv u f'saħħtu – inkluż bl-użu tal-impatt pożittiv tat-teknoloġiji diġitali fis-servizzi pubbliċi. Huwa stieden ukoll lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-Istati Membri f'azzjonijiet li jiffukaw fuq id-diġitalizzazzjoni; kif ukoll biex tingħata s-setgħa lill-persuni akbar fl-età biex jużaw it-teknoloġiji diġitali biex jimmonitorjaw aħjar is-saħħa tagħhom b'mod indipendenti.

Barra minn hekk, il-[Konklużjoni tal-Kunsill dwar l-Isfidi Demografiċi – It-Triq 'il Quddiem](#)⁽³⁰⁾ stiednet lill-Istati Membri jindirizzaw l-isfidi demografiċi u jesploraw kif id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġija tal-benesseri jistgħu jiġu integrati aħjar fis-servizzi tal-kura biex jittejjbu l-aċċessibilità u l-ġhoti ta' servizzi.

Fl-2021, ġew adottati l-[Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tat-Tixjiħ fil-Politiki Pubbliċi](#)⁽³¹⁾, u f'Settembru 2022, ir-[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja](#)⁽³²⁾ irrakkomandat li l-Istati Membri jintroduċu teknoloġija aċċessibbli u innovattiva u soluzzjonijiet diġitali għall-forniment ta' servizzi ta' kura, inkluż biex jiġi appoġġat għajxien indipendenti.

Barra minn hekk, l-oqsma prijoritajiet strateġiċi għar-riċerka u l-innovazzjoni diġitali huma inkorporati fir-raggruppamenti tematiċi differenti tal-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont Ewropa (2021-2027) - bħar-raggruppament 1 Saħħa, li jappoġġa bil-qawwa t-teknoloġiji diġitali.

L-anzjani għandhom jingħataw is-setgħa mit-teknoloġiji diġitali, għandhom ikunu jistgħu jafdawhom u jiġu mħeġġa jużawhom biex jixjieħu tajjeb. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa "[Għajxien Attiv u f'Saħħtu fid-Dinja Diġitali](#)"⁽³³⁾ u l-ekonomija tal-anzjani li

⁽²⁹⁾ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11717-2020-REV-2/mt/pdf>

⁽³⁰⁾ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8668-2020-INIT/mt/pdf>

⁽³¹⁾ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6976-2021-INIT/mt/pdf>

⁽³²⁾ COM(2022) 441 final.

⁽³³⁾ <https://futurium.ec.europa.eu/en/active-and-healthy-living-digital-world>

qed tikber, permezz tal-attivitajiet, tal-politiki u tas-sħubijiet ta' riċerka u innovazzjoni tagħha, l-appoġġ għall-ekosistema u għall-bini tal-komunità kif ukoll permezz tal-Istrateġija Ewropea tagħha għall-Kura u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku Ewlieni dwar il-Kura Integrata, filwaqt li tiżgura li dawn se jkunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni Ewropea li qed tixjieħ.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-pandemija tal-COVID-19 bidlet l-Ewropa u d-dinja f'ħakka t'għajn. Din uriet b'mod ċar l-importanza - u aċċellerat b'mod sinifikanti l-adozzjoni - tas-servizzi diġitali fis-soċjetà tagħna. Barra minn hekk, se tħalli impatt dejjiemi fuq il-mod kif ngħixu u naħdmu, bil-preżenza tat-teknoloġiji diġitali kullimkien.

Il-pandemija wrietna kif is-saħħa, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali huma marbutin flimkien u spiss jikkoinċidu. Jeħtieġ li nikkunsidraw mill-ġdid il-politiki u l-prattiki li jaħsbu għas-setturi usa' tas-soċjetà u li jintervjenu fihom, inklużi l-partijiet ikkonċernati tradizzjonali u ġodda.

Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali għall-AAL2 jiddokumenta l-impatt pożittiv li jkun hemm meta l-UE u l-Istati parteċipanti jingħaqdu flimkien biex jindirizzaw l-isfida tal-“Ftehim tal-Fidda” li l-Ewropa qed tiffaċċja fil-livelli kollha u biex jinkoraġġixxu l-ekosistema usa' sabiex tkompli tisfrutta l-enerġija ta' din l-“alleanza ta' dawk li jaġixxu kmieni” biex tiġi promossa innovazzjoni teknoloġika u soċjali għat-tixjiħ tajjeb fl-Ewropa.

Il-Kummissjoni temmen li l-varar rapidu ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi għas-saħħa u għall-kura jista' jinkiseb l-aħjar b'ħidma flimkien fil-livell tal-UE, bil-kondiviżjoni ta' esperjenzi fl-użu, fil-kejl tal-impatt u fit-trasferiment tal-innovazzjoni fl-Istati Membri u fir-reġjuni, inklużi reġjuni mal-fruntieri. Fl-istess ħin, jidher ċar li ma hemmx approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd. It-tfassil tal-politika fil-livelli kollha jeħtieġ li jiffoka fuq ir-realtà fil-prattika u jadatta kif xieraq għad-differenzi reġjonali. L-impenn attiv tal-partijiet kollha huwa essenzjali biex nirmexxu fil-ħolqien ta' “rebħa tripla” li tkun ta' benefiċċju għan-nies, għas-sistemi tas-saħħa u għas-suq.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna jaġhtu l-opinjoni tagħhom dwar l-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport, u jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' azzjoni futura dwar l-innovazzjoni diġitali fit-tixjiħ attiv u f'saħħtu.